# Sapport Mill-Voluntieri

Il-kura ta' xi persuna marida b'marda li m'hemmx fejqan minnha tista' tgħajjik fiżikament u emozzjonalment. Il-voluntieri imħarrġa tagħna jistgħu jagħtu solliev lill-carers billi jipprovdu għajnuna prattika u sapport emozzjonali.

# X'Jiġri jekk ikollok xi bżonnijiet speċifiki minħabba l-kultura jew il-lingwa tiegħek?

It-tim tal-kura palljattiva jipprova jkun sensittiv għall-kultura u lingwa tiegħek. Jekk jogħġbok għarrafna jekk int għandek bżonnijiet speċifiki kulturali per eżempju, dieta, bżonnijiet spiritwali jew il-kura tiegħek minn persuna tas-sess l-ieħor. Jekk jogħġbok għarrafna jekk tixtieq tkun mgħejjun minn interpretu. Is-servizzi ta' l-interpretu huma bla ħlas u konfidenzjali

**Health Care Interpreter Service**
(Is-Servizz ta' l-Interpretu tal-Kura tas-Saħħa)
Jista' jingħata servizz ta' interpretu bla ħlas u konfidenzjali
24 siegħa, seba' ġranet fil-ġimgħa.
Staqsi lill-istaff biex jorganizza interpretu għalik
Għandna wkoll interpreti ta' l-AUSLAN
(02)9840 3456.

# Lil min għandek tistaqsi għal għajnuna jew tagħrif

- It-tabib tiegħek
- L-ispeċjalista kuranti tiegħek
- L-isptar lokali tiegħek
- Is-servizz tiegħek tal-kura palljattiva

Għal kwalunkwe mistoqsijiet, jekk jogħġbok ċempel:

**1800 013 101**

mid-9am sa 4.30pm jekk toqgħod fir-reġġjun ta' Penrith jew tal-Blue Mountains

jew **(02) 4560 5714**

mid-9am sa 12.30pm jew mis-1.30pm sa 4.30pm jekk toqgħod fir-reġġjun ta' Hawkesbury.

*The production of this pamphlet has been supported by a grant from NSW Health.*

*The design concept of this pamphlet is courtesy of the Palliative Care Council of South Australia, Palliative Care Victoria and Palliative Care Australia.*

WAHS 307 March 2003

MALTESE

PALLIATIVE CARE SERVICES

Kura Palljattiva (li tnaqqas l-Uġigħ imma ma Tneħħix il-Kawża tiegħu)

# Solliev Komfort Sapport

***Il-kura ta' persuna għażiża għalik u li hi marida b'marda li m'hemmx fejqan minnha u li twassal għall-mewt***




Wentworth Area Health Service

# X'inhi l-Kura Palljattiva?

Il-Kura Palljattiva hi sapport għal nies li qegħdin isofru minn marda li mhemmx fejqan minnha.

L-għan tal-kura palljattiva hu li jagħti lil kull persuna l-aqwa kwalità ta' ħajja possibbli. Aħna nagħmlu dan billi norganizzaw u nipprovdu numru ta' servizzi bħala reazzjoni għall-bżonnijiet kemm tal-pazjent kif ukoll tal-carer (min qed jieħu ħsieb persuna).

Jistgħu jiġu pprovduti firxa ta' servizzi inklużi dawk fiżiċi, emozzjonali, soċjali u spiritwali jistgħu jiġu pprovduti.

# Fejn?

Kull fejn hu possibbli, il-kura palljatttiva tingħata fejn il-pazjent ikun iridha. Tista' tingħata:

- fid-dar tal-pazjent
- fid-dar tal-carer
- fl-Isptarijiet tan-Nepean, Hawkesbury, Blue Mountains jew ta' Springwood jew f'kwalunkwe nursing home jew f'hostel.

Membri tal-familja, qraba u ħbieb huma l-carers prinċipali. Għajnuna professjonali tista' tingħata mit-tabib tiegħek tal-familja u mit-tim tiegħek li jipprovdi kura palljattiva.

# Il-Kura Palljattiva hi xogħol fejn naħdmu bħala tim

- il-Pazjent u l-Familja u l-Carer
- l-Infermiera
- il-Voluntier
- il-Ħaddiem li Jagħti Sapport u li Jgħix mal-Persuna Marida
- il-Kappillan/il-Kap Reliġjuż jew Spiritwali
- il-Persuna li Tagħti Sapport lil Qraba Meta Jmut xi Ħadd Għażiż
- il-Ħaddiem Ieħor tas-Saħħa inkużi l-Ħaddiem li Jagħti Għajnuna Soċjali, il-Fiżjoterapista, l-Occupational Therapist, l-iSpiżjar
- it-Tabib tal-Familja
- it-Tabib li Jispeċjalizza fil-Kura Palljattiva
- Tobba Speċjalizzati Oħra Li Qegħdin Jagħtu Kura

# Jekk ikolli uġigħ, jista' jiġi mtaffi?

Tista' tgħid kważi fil-każi kollha, l-uġigħ jista' jitnaqqas jew ikun eliminat permezz ta' firxa ta' mediċini u kuri oħra li wħud minnhom jinkludu r-radjoterapija, servizz ta' pariri, servizz ta' serħan, meditazzjoni u kwalunkwe metodu ieħor li jgħodd għalik.

Dan l-aħħar sar progress kbir fl-immaniġġjar ta' l-uġigħ inklużi tipi ta' mediċini u l-mod kif jingħataw. It-tabib tiegħek tal-familja u s-servizz tal-kura palljattiva jistgħu jagħtuk aktar tagħrif dwar dan is-suġġett.

# Nista' nibqa' ngħix ġewwa dari sa l-aħħar ta' ħajti?

Is-servizz tal-kura palljattiva ser jagħmel kulma jista' biex jissapportja lilek u lill-carer tiegħek fil-post li trid toqgħod fih. Spiss dan ikun f'darek stess.

Xi kultant l-ammont ta' kura li hemm bżonn tingħata tista' tifni lill-carer tiegħek. F'dak il-każ, il-pazjent għandu mnejn jiddaħħal f'kwalunkwe sptar ġewwa r-reġjun ta' Penrith, tal-Blue Mountains jew ta' Hawkesbury. B'hekk, il-kura tista' tingħata qrib fejn toqgħod int.

PALLIATIVE CARE SERVICES